Fr. John Taliana mssp

# Fr Jude Pirotta mssp



*Fr Jude mal-Mamà tiegħu*

Nhar il-Ħadd 30 t'Awissu fil-Parroċċa ta' St.James, Hoppers Crossing North Victoria, l-MSSP kellna okkażjoni ta ferħ għax Fr. Jude Pirotta mssp ċċelebra l-25 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Fr. Jude twieled l-Awstralja minn ġenituri Maltin. Huwa ġej minn familja t'għaxar aħwa. Hu beda, kompla u spiċċa l-formazzjoni tiegħu fil-Formation House tas-Soċjeta' ġewwa Wantirna South. Huwa l -ewwel membru awstraljan li għamel il-formazzjoni tiegħu ġewwa l -Awstralja. Matul dawn l-aħħar 25 sena Fr. Jude ħadem f'diversi oqsma tal-apostolat, bħal Viċi Kappillan ġewwa North Sunshine, Kappillan ġewwa Horsley Park, u School and Hospital Chaplaincy.

Preżenti għal din il-konċelebrazzjoni barra il-membri tas-Soċjeta' kien hemm ukoll saċerdoti oħra ħbieb tiegħu. Mgħandniex xi ngħidu l- knisja kienet mimlija daqs bajda, nies bil-wieqfa kullimkien. Fost il-membri tal-familja tiegħu kien hemm ommu l-għażiża Anne li għandha fuq it-tmenin sewwa u wieħed seta' jara u jħoss u jmiss il -ferħ u l-kommozzjoni tal-okkażjoni.

Fl-omelija, Fr.Jude tkellem fuq is-sejħa tiegħu u fuq kemm Alla jħobbu. Qal ukoll li barra il-membri tas-Soċjeta' li kienu dejjem ta' sapport għalih, ħass wkoll tul dawn il-ħamsa u għoxrin sena, kemm il-poplu t'Alla hu qrib is-saċerdot għax dejjem sabhom qrib tiegħu.

Wara il quddiesa kulhadd kien mistieden għal riċeviment fil-bitħa ta' lis-skola.




# Fundazzjoni Quddies wara mewtek

**Int qatt ħsibt għal xi ħaga wara mewtek?**

Tista' twaqqaf Fundazzjoni ta' Quddies. Aħna lesti biex nehdulek ħsieb.

**X'għandek tagħmel?**

Tista' tagħmel din il-Fundazzjoni-f'ħajtek jew

Tista' tħalliha fit-testment

Il-quddies tal-fundazzjoni jitqaddsu appena tigi nieqes/a (f'kas li beħsibek tħalliha f'testment jekk jgħogbok ikkuntatjana qabel)

Ċemplilna fuq: **2145 4503/7926 5968**



NOVEMBRU 2009 / GĦADD 442

EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP






NEWSPAPER POST

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


# Żjara tal-President ta' Malta lic-CPI tal-Mssp


Marthese Brincat
Viċi Direttur CPI


**Ic-Cam Production International, tas-Soċjetà tagħna kellu l-unur li jospita lill-President ta' Malta Dr.George Abela fuq stedina tad-Direttur Fr. Louis Mallia mssp**



Din iż-żjara tal-President kienet okkażjoni speċjali għaliex huwa ħa sehem fl-ewwel programm ġdid fi skeda oħra ta' xandir mill-istudios tagħha li c-Cpi beda jxandar din is-sena bl-isem ta "UĊUĦ" fuq l-istazzjon tan-Net.TV.

Il-President kellimna dwar tfulitu, żgħożitu, il-familja u anke dwar l-interess personali li għandu lejn il-familji maltin. Hu saħaq dwar il-bżonn ta' familji b'saħħithom għax l-ulied huma is-soċjeta' u l-ġenerazzjoni t'għada.

Wara l-programm il-President ħa l-okkażjoni biex iżur l-istudios u l-control room. Huwa apprezza ħafna x-xogħol kollu li qed jagħmel ic-Cam Production International, speċjalment fix-xandir tal-valuri nsara u tenna li s-soċjeta maltija għandha bżonn dawn il-programmi.

Min naħa tiegħu Fr Louis Mallia mssp id-Direttur taċ-CPi barra li rringrazzjah talli għogbu jsib il-ħin fl-iskeda impenjata li għandu, spjegalu ukoll li barra dan il-program li hu ħa sehem fih, li jintwera kull nhar t'Erbgħa fid 9.35 p.m, kull nhar ta Sibt jittella' programm iehor fuq Favourite Channel bl-isem ta' SEJJAHTLI u fuq il-ONE TV, kull nhar ta' Sibt programm iehor bl-isem BIL-KELMA T-TAJBA li jidher fis 6.50 p.m. Ma naqasx wkoll li awguralu saħħa biex ikompli jgħaqqad lill- Maltin kif qed jirnexxielu jagħmel bil-ġentilezza u l-umilta li għandu.



# Il-Festi fil-Peru'

**Fr. Victor Zammit mssp li għal dawn l-aħħar sitt snin ilu jaħdem bħala missjunarju fil-Peru' u bħalissa huwa kappillan tal-parroċċa tas-Salib Imqaddes ta´Acequia Alta Arequipa qasam magħna ftit l-esperjenza tiegħu fuq xi drawwiet fil-Peru'**



Il-festi fil-Peru għadhom jigu ċċelebrati bħalma kienu jsiru f'Malta fl-antik. Minn ġranet qabel jibdew il-preparazzjonijiet b'xi quddiesa tan-Novena. Lejliet il-festa filgħodu n-nies igibu l-fjuri biex iżejnu l-knisja filwaqt li barra jibdew jarmaw xi ċikċifogu magħmul minn irdieden tal-qasab kif ukoll jiġbru xi ħatab biex titqabbad ħuġġieġa quddiem il-knisja. Jiddendlu xi bandieri zgħar u xi bozza l'hawn u l'hemm. Mal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar jibdew ġejjin in-nies, bandisti, mużiċisti, żeffiena u xi bejgħija tal-ikel u x-xorb. Fis-7.00 pm issir il-Quddiesa ta lejljet il-festa. Wara l-quddiesa titqassam tazza te' bl-għasel u bil-ħwawar lin-nies kollha filwaqt li t-tfal jirċievu xi ħelu jew xi gallettini. Il-banda tibda d-doqq, titqabbad il-ħuġġieġa, tibda tinħaraq xi raddiena tal-ċikċifogu b'xi bomba tal-kulur l'hawn u l'hemm. Għal xi nofs il-lejl jispiċċa kollox. Fil-għodu mas-sebħ tiġi ċċelebrata l-ewwel quddiesa u wara tinħaraq musketterija biex tħabbar jum il-festa. Xi nisa jmorru l-knisja biex ilibbsu lill-istatwa bl-isbaħ mant u kuruna. Ħafna nisa oħra jibdew isajru ġo borom kbar l-ikel li jitqassam lil kulħadd speċjalment lill-iktar foqra. F'nofs in-nhar issir il-Quddiesa solenni bil-kant u bid-daqq tal-kitarri u xi orgni zgħir jew xi vjolin. Wara kulħadd għall-ikel ġo xi bitħa kbira jew ġo xi għalqa fejn l-organizzaturi jkunu ħejjew għall-mistednin kollha. Ma tonqosx il-mużika u l-briju ma xi qatra nbid li xi mustaċċuni jkunu offrew għal din l-okkażjoni. Mal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar toħroġ il-purcissjoni bil-banda u xi bombi żgħar li jinħarqu matul t-triq. Xi nies jitfgħu l-fjuri u oħrajn iżejnu b'xi kwadru armat fuq mejda quddiem id-dar. Meta tasal lura l-purċissjoni s-Saċerdot ibierek lid-devoti kollha li jersqu bi ħġarhom biex jitbierku waqt li tkun dieħla l-vara. Tinħaraq musketterija tal-aħħar u ssir quddiesa biex tagħlaq dak il-jum.

Ir-raħal ikun magħqud ħafna fil-jiem tal-festa filwaqt li l-aktar li jifirħu huma t-tfal. In-nies jagħmlu kollox b'ħafna fidi u mħabba fis-sempliċità' u l-faqar tagħhom għax jafu li Alla m'hu se jinsihom qatt. Aħna il-fathers, min-naħa tagħna ma nonqsux li nevanġelizzaw u nikkatekizzaw kemm nifilħu biex il-Kelma t'Alla tasal għand kulħadd.




# Ġużeppi De Piro Missjunarju (2)

## San Pawl: Almanakk ta' l-Istitut tal-Missjoni

Id-dedikazzjoni, il-ħeġġa, l-inizjattiva, l-imħabba u l-ġenerożità tal-Qaddej ta' Alla għall-missjoni ma kinux iħalluh jikkuntenta biss bit-twaqqif u t-tkabbir tas-Soċjetà missjunarja tiegħu. Fl-1922, biex ikun jista' jdakkar kemm jiflaħ nies bl-ispirtu missjunarju, De Piro beda joħrog lil **San Pawl: Almanakk ta' l-Istitut tal-Missjoni**, annwarju li hu baqa' jippubblikah sa ma miet. F'dawn il-paġni De Piro kien jippubblika siltiet minn diskorsi jew enċikliki tal-papiet dwar il-missjoni. Ġieli ppreżenta xi mudell ta' kuraġġ billi kiteb fil-qosor il-ħajja ta' xi missjunarju Malti jew barrani. U kien hemm meta għamel xi eżortazzjoni liż-żgħażagħ, lill-ġenituri, lill-benefatturi u lill-qarrejja dwar il-vokazzjoni missjunarja jew l-għajnuna materjali li dawn kienu jistgħu joffru għall-ħidma missjunarja tal-Knisja.

## Il-Laboratorju Missjunarju

Mons De Piro ma kienx waħdu wara l-missjoni li Fra Ġużepp kien qed iwettaq fl-Abbissinja. Miegħu ingħaqdet ommu. Din ipproponiet li jitwaqqaf il-Mużew tas-Somalja. Min-naħa tiegħu il-Qaddej ta' Alla jidher li kiteb lil Mizzi dwar "Laboratorju Missjunarju". Dan il-proġett kellu bħala presidenta lis-Sinjura Ursola, omm il-Fundatur, u magħha kellha xi nisa oħra. Bdew jissejħu "Dami tal-Laboratorju tas-Somalja". Bdew jiltaqgħu fl-Istitut ta' San Ġużepp, imma meta nfetħet id-Dar ta' Sant'Agata l-laqgħat tagħhom bdew jagħmluhom hemm u bdew isejħu l-organizzazzjoni "Laboratorju Sant'Agata". Għall-ewwel ma kinux jiltaqgħu regolarment imma wara ftit għażlu t-tielet Tnejn tax-xahar bħala l-ġurnata tal-laqgħa tagħhom. Xogħolhom kien li jħejju l-ħafna bżonnijiet materjali li kienu jintalbu mill-Abbissinja u jibagħtuhom ġo kaxxi kbar lill-missjunarji.





Fr. Norbert Bonavia mssp

# L-Għotja tal-Mandat

**Sa mill-bidunett tat-twaqqif tiegħu, l-Oratorju tagħna San Domenico Savio, li jinsab f'Birkirkara, kellu dejjem bħala l-għan prinċipali tiegħu, il-formazzjoni nisranija tat-tfal għall-ewwel tqarbina sal-griżma u taż-zgħażagħ minn wara l-griżma 'lfuq. Dan għall-grazzja t'Alla għadu jsir sal-lum. It-tfal, subien u bniet imħalltin, jiltaqgħu għat-tagħlim nisrani kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. Dawn jiġu mill-inħawi ta' B'Kara u anke xi wħud jiġu minn postijiet oħra. Għandna seba' klassijiet. Jibdew mill-kinder sa dawk li ser jersqu għall- Griżma ta' l-Isqof.**

**Minn naħa l-oħra, iż-żgħażagħ jingabru għall-laqgħat tagħhom kull nhar ta Ġimgħa. Dawn ukoll huma mqassmin fi gruppi skond id-diversi etajiet, minn adoloxxenti sa żgħażagħ adulti. Dawn iż-żgħażagħ, barra l-laqgħat ta' kull ġimgħa, matul is-sena, ikollhom "live ins" u attivitajiet oħra. Ta' min isemmi li l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd tkun animata minnhom bil-kant u għadd ta' kitarri u orgni.**

**Ftit tal-ġranet ilu, proprjament nhar is-Sibt 10 t'Ottubru sar il-ftuħ uffiċċjali tas-sena tat-Tagħlim Nisrani b'quddiesa speċjali fis-Sala Mons Guzeppi De Piro. Fiha, id-Direttur tal-Oratorju, Fr. Stephen Mifsud, ta il-Mandat lill-Katekisti u lill-Leaders tal-gruppi taż-żgħażagħ miġburin flimkien mat-tfal u ż-żgħażagħ u ġenituri.**

**Is-sena li ġejja l-Oratorju ser jiċċelebra il-100 sena mit-twaqqif tiegħu.**